MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 292/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**OMISSIS IMPUTAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis imputat ta’ omissis sena, iben omissis, mwieled omissis, u joqghod omissis u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru omissis.

Billi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fit-23 ta’Jannar 2006, u fix-xhur ta’qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-akkuzat, ukoll jekk fi zminijiet differenti,

ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil Omissis minuri ta' omissis persuna ta' taht l-eta';
2. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi offenda il-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol. 181) taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat;

Rat il-verbal tat-13 t'Ottubru 2008 li fih l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti (a fol 180);

Rat n-nota ta'sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizja tas-19 ta'Dicembru 2008;

Rat n-nota ta'sottomissjonijiet tal-imputat tas-27 ta'Jannar 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi meta Omissis minuri kellha biss disgha snin il-*partner* t' ommha kien beda jabbuzha sesswalment billi jmiss il-partijiet genitali ta' din it-tifla minn fuq il-hwejjeg. Fl-istess waqt Omissis P beda jintercedi ghaliha kull meta omm minuri kienet tghajjat ma din it-tifla.

L-abbuz sesswali awmenta f'qasir zmien ghal tqieghed sfurzat tal-pene f'halq il-minuri, ghal masturbazzjoni tal-imputat billi kien iggieghel il-minuri tmiss il-partijiet genitali tieghu fuq il-laham u l-mess tal-partijiet genitali u tas-sider tal-istess minuri. Dan l-abbuz baqa' ghaddej ghal zmien konsiderevoli u cioe sakemm il-minuri Omissis minuri ghalqet omissis sena. F'dan iz-zmien il-minuri kienet qattet Sajf shih tghix ghand habiba t'ommha. Minn dan il-punt il-quddiem l-abbuz kien jikkonsisti fil-mess fuq il-hwejjeg tas-sider tal-minuri, u l-kxif tal-partijiet genitali tieghu lil minuri. Wara li ghalqet omissis sena hi bdiet tohrog mal-hbieb, u omissis P kien jsegwi lil minuri il-ghaliex ma kien jafdaha ma hadd.

Apparti dan l-minuri xhedet dwar d-diskors vulgari u repetut ta' omissis P li kien jdejjaqgha immens. omissis P kien jikkumenta fuq is-sider tal-minuri u kemm kien qed jizviluppa.

Omissis minuri xhedet li Omissis P kien jghidilha li hija kellha thallieh jkollu kongungiment karnali komplet maghha. Omissis minuri xhedet illi Omissis P kien jaqbad il- warrani taghha anki meta kienu jaghmlu ir-rondi tal-hobz u hi kienet dejjem tipprova tevitah. Meta kienu jkunu jahdmu il-forn pero kien ferm aktar difficli ghaliha biex tevitah.

Omissis minuri xhedet li qatt ma setghet tghid xejn lil ommha dwar l-abbuz sesswali ghaliex ommha kienet dejjem izomm ma omissis P anki meta dan kien jsawwat lilha u lil hutha.

Fil-2005 Omissis minuri bdiet tohrog ma' Omissis imputat, u dahal id-dar. Minn hemmhekk u fil-fatt beda jghin u jahdem il-forn mal-familja tal-minuri.

Illi f'okkazjoni wahda Omissis P sawwat lil Omissis minuri b'injama go rasha u dan fil-prezenza ta' Omissis imputat. F'okkazjoni ohra gera warajha, mbuttha tant li waqghet mal-art hdejn il-*washing machine* u omissis P beda jtiha bis-sieq tant li dahhlet ommha bejniethom.

Wara dan hija nfaqghet tibki u qalet lill-ommmha li kienet sejra tirregistra rapport lil-Pulizija. Ir-reazzjoni t'ommha kienet li nfexxet ssawwat lil minuri. Il-minuri xhedet illi hija kienet tiltaqa mal-imputat bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta'wara nofs inhar u kienet tkun hdejn l-imputat meta dan beda jghinhom fil-hidma tal-forn taghhom.

Omissis minuri xhedet illi hija kienet saret thobb lill-imputat u li kienet fethet qalbha mieghu u qaltlu dak kollu li kienet ghaddiet minnhu ma Omissis P.

Omissis minuri xhedet illi hija kellha relazzjoni ma omissis imputat u kellha x'taqsam mieghu sesswalment xi tlett darbiet qabel ma saret maggorenni. Ir-relazzjoni intima bejnha u l-imputat kienet wahda kompletament volontieri. Bis-sahha tal-ghajnuna illi akkordalha l-imputat, Omissis minuri irnexxielha tahrab mid-dar, tmur ghall-ghajnuna ghand l-Appogg, fejn imbaghad bis-sahha taghhom, dahlet go *sheltered accommodation*.

Omissis minuri xhedet li Omissis P u ommha kienu jcemplu u jippruvaw jkellmuha waqt li kienet fix-*sheltered accommodation*, izda hija qatt ma kellmithom.

Omissis minuri xhedet li Omissis P ghex ma ommha minn mindu hija kellha omisis snin sal-mument illi hija dahlet *f'sheltered accommodation* omissis sena.

Giet ezebita stqarrija ta' omissis minuri a fol 37 sa fol 39 li amplifikat it-tip ta' swat li kienet soggetta ghalih u il-frekwenza tal-istess u l-abbuz sesswali li garrbet omissis minuri taht idejn omissis P.

Spettur Aquilina a fol. 40 et seq ezebixxa stqarrija DOK RAX tal-imputat Omissis imputat.

Fl-istqarrija tieghu Omissis imputat zvela l-abbuz fiziku u verbali li Omissis P kien jinfliggi fuq Omissis minuri, swat bl-injama u bil-*crates* u b'idu, u il-mod dizpreggjattiv li bih kien jghajjar lil Omissis minuri : qahba, zibel , kurnuta, annimala.

Omissis imputat stqarr li meta waqaflu, omissis P hareg mus ghalih u helisha biss ghaliex intercedew ghalih omissis omm u omissis (hu minuri). Omissis imputat stqarr li omissis P kellu Appogg minn omissis omm. Huwa xhed li sahhansitra ra lil omissis P jsawwat lil omissis minuri fil-prezenza tieghu. Illi ghalhekk ha lil omissis minuri tkellem lid-dirigenti tal-Appogg biex ma tibqghax tghix d-dar. Omissis imputat stqarr illi l-imghallem tieghu kien ukoll xhud tas-swat illi kienet esposta ghalih omissis minuri u sahhansitra mar ukoll ikellem lil tal-Appogg.

Omissis imputat stqarr illi kellu x'jaqsam ma minuri tlett (3) darbiet fil-garage u dan bil-buona volonta ta'Omissis minuri. Omissis minuri ta'dettalji ta'swat kiefer li qalghet minuri – swat li ghalih kien prezenti ukoll l-imghallem tieghu.

Spettur Aquilina ezebixxa *mobile phones* tal-imputat u Omissis minuri. Dawn kollha gew mghoddija lil Martin Bajada.

Omissis omm xhedet illi kienet ilha taf lil omissis P omissis sena u bdiet tghix mieghu xi omissis snin ilu il-Hamrun mat-tfal taghha, minuri, hu omissis u hu omissis. Meta kienet l-Isptar it-tfal qaghdu ma' Omissis P (a fol. 62).

**Hija kkonfermat il kwerela taghha kontra l-imputat** – DOK RA2.

Omissis omm a fol. 66 xhedet li ghamlet rapport kontra omissis imputat ghax abbuza mit-tifla **<u>ukoll</u>** – Mitluba tghid ghala m'ghamlitx rapport kontra Omissis P , omissis minuri xhedet li meta omissis P cahad l-allegazzjonijiet, hija emnitu.

Martin Bajada a fol 70, ezebixxa ir-relazzjoni tieghu DOK MB. Il-messaggi li jidhru fir-relazzjoni DOK MB illi huma kollha messaggi ta'tenerezza bejn minuri u Omissis imputat, ghajr ghal messagg numru tlieta u ghoxrin (23) li hu fis-sens li persuna kienet nezghet il-qalziet ta'taht (a fol. 95)

Josepha Scerri a fol 137 et. seq, *Resdendial Social Worker* ,Dar Tereza Spinelli, il-Belt, ikkonfermat li Omissis minuri kienet bdiet tirrisjedi fl-akkomodazzjoni fuq imsemmija mit-23 ta'Jannar 2006 meta kellha *referral* mill-Appogg.

Hija kkonfermat l-abbuz sesswali da parti ta' omissis P. Hija qalet li dak li gara bejn minuri u omissis imputat kien kollu konsenswali.

Minuri omissis a fol. 140 et seq, appena saret maggorenni xhedet li riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Hija xhedet illi dak li sar bejnha u bejn omissis imputat kien kollu bil-kunsens u buona volonta taghha ghaliex kienet thobb lil omissis imputat. Xhedet li dan sehh **f'*garage* bil-bieb maghluq u ma seta jara hadd** (a fol. 141) **Apparti dan hemm grada tal-hadid bil-katnazz fil-bokka li taghti ghal dan il-*garage*.**

Gie ezebit l-att tat-twelid ta'Omissis minuri DOK RAZ a fol 146 u 147.

Fil-15 ta'Jannar 2008 sar access mill-Qorti f'kumpless tal-*garages* fi Triq Santu Wistin **li kien maghluq b'kancell tal-hadid**. Il-***garage* in kwistjoni ukoll kien jisakkar b'bieb tal-hadid** ( a fol 159)

Remenda Grech a fol 165, mic-*Child Protection Services* xhedet li **kien cempillha Omissis imputat** biex jirraporta l-abbuz li kien qed jigi prattikat fuq Omissis minuri minn Omissis P. Hija xhedet ukoll illi kellmet lil omissis minuri u rrezulta li kien hemm relazzjoni intima bejnha u omissis imputat li saret b'mod volontieri u sehhet fi *drive in* fejn kien hemm hafna *garages*.

**Illi illum il-gurnata Omissis minuri u Omissis imputat huma mizzewga.**

Ikkonsidrat:

Illi il-kaz in ezami jittratta akkuza ta' korruzzjoni ta'minorenni Omissis minuri **mhux da parti ta'Omissis P**

izda da parti ta Omissis imputat li **kien propju il-persuna li qalghet il-minuri minnn bahar ta’ nkwiet, abbuz sesswali u fiziku da parti ta’** omissis P **fuq din t-tifla.**

Irid jinghad ukoll illi l-gudizzju fuq omissis imputat ma setghax jinghata qabel din id-data  ghal-ragunijiet ovvji u cioe sakemm jigu terminati il-proceduri kriminali kontra omissis P illi kienu qeghdin jinstemghu minn din il-Qorti kif preseduta.  Il-proceduri kontra omissis P gew prolungati minhabba proceduri ta’natura kostituzzjonali.  Illi illum il-gurnata bin-nomina gdida tal-Magistrat Sedenti, dan l-ostaklu procedurali m’ghadux japplika.

L-imputat jinsab akkuzat taht Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta li jipprovdi :

***203 (1) Kull min, b’eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta’ taht l-eta’, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:***

***Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta’ prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f’kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza;***
***(b) jekk id-*****delitt** ***isir b’theddid jew b’qerq;***
***(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.***

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tat hafna pronunzjamenti dwar dak illi huwa “atti di libidini” jew “lewd acts”, illi pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali fil-kaz Pulizija vs Wiffen hija dik l-aktar saljenti.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano kkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"***
***(Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

Illi l-istess sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tghaddi biex tezamina mbaghad l-element ta' korruzzjoni attwali tal-istess minuri u tghid is-segwenti:

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Ma kienx hemm dubbju ta'xejn illi r-relazzjoni intima imsemmija kemm minn minuri kif ukoll mill-imputat, sehhet b'mod  ghal kollox volontieri miz-zewg nahat – forsi minn

naha ta' minuri b'aktar herqa minhabba il-bizgha tremenda taghha li kienet ser tigi zvergnata jekkmhux addirittura stuprata minn Omissis P u ma riditx li din tkun l-ewwel esperjenza taghha ta'kongungiment karnali.

Illi kif minuri ghalqet t-tmintax (18)–il sena hija hadet il-pedana tax-xhieda u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali bl-aktar modd sod. Illum il-gurnata hija mizzewga ma omissis imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-akkuza taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta sabiex tezamina jekk kemm –il darba r-rinunzja tippermjax il-proceduri kriminali odjerni, jew f'kaz li treggi l-akkuza taht l-Artikolu 209, l-prosekuzzjoni tibqax tmexxi l-kaz ex officio.

L-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta jirritieni :

**" Whosoever, except in the cases referred to in the preceding articles of this sub-title or in any other provision of law, shall commit an offence against decency or morals, by any act committed in a public place or in a place exposed to the public, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three months and to a fine (*multa*)."**

Il-provi juru fil-kaz odjern, illi l-*garage* fejn sehhew r-relazzjonijiet intimi bejn minuri omissis u omissis imputat kien mghammar b'bieb tal-hadid. Dan il-bieb kien wiehed li jisakkar. Di piu fil-bokka tal-*garage,* kien hemm kancell tal-hadid li kien msakkar b'katnazz. Dan gie kostatat mill-Qorti Sedenti waqt l-access.

Di piu hemm x-xhieda ta' omissis minuri li tghid li r-relazzjonijiet intimi sehhew fil-*garage* msakkar. Ergo ebda reat kontra l-pudur, jew il- morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghal pubbliku ma jissussisti.
Sikkome ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta r-rinunzja da parti ta' Omissis minuri twaqqaf u xxolji l-azzjoni kriminali.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza,u tiddikjara li fil-konfront tal-ewwel akkuza l-procediment huwa ezawriet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------